Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

13 ta' Frar, 1998

ATT Nru. VI ta' l-1998

ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kap. 65.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali". Kap 65.

(2) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-pulizija jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda ta' l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali.

2. L-artikolu 15 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:

(i) il-kliem "jew taħt l-influwenza tax-xorb jew drogi" fis-subparagrafu (a) għandhom jitħassru; u

(ii) il-kliem "meta huwa s-sid tal-*motor-car*," fis-subparagrafu (ċ) għandhom jitħassru; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu il-kliem "jew f'sewqan ta' *motor-car* taħt l-influwenza tax-xorb jew drogi" għandhom jitħassru.

Żieda ta' l-artikoli 15A sa 15I ġodda mal-liġi prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 15 tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu dawn l-artikoli ġodda li ġejjin:—

"Sewqan eċċ. ta' *motor-car* meta mhux f'kundizzjoni li jsuq.

15A. (1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' *motor-car* li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

Sewqan eċċ. ta' *motor-car* b'konċentrazzjoni ta' alkohol fin-nifs eċċ. ogħla minn dik preskritta.

15B. Ebda persuna ma għandha ssuq, tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' *motor-car* li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mill-limitu preskritt.

Testijiet tan-nifs.

15C. Meta uffiċjal tal-pulizija jkollu suspett raġonevoli li:

(a) persuna tkun qed issuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' *motor-car* li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li jkollha l-alkohol f'ġisimha jew li tkun għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-*motor car* kienet miexja; jew

(b) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' *motor-car* fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li kellha alkohol f'ġisimha u li dik il-persuna kien għad għandha l-alkohol f'ġisimha; jew

(ċ) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' *motor-car* fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-*motor-car* kienet miexja; jew

(d) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' *motor-car* fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta dik il-*motor-car* kienet involuta f'aċċident,

huwa jista' jeħtieġ li dik il-persuna tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs.

Setgħat ta' arrest.

15D. Uffiċjal tal-pulizija jista' jgħaddi biex jarresta persuna jekk —

(a) bħala riżultat ta' test tan-nifs l-uffiċjal tal-pulizija jkollu suspett raġonevoli li l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ta' dik il-persuna jkun iżjed mill-limitu preskritt; jew

(b) dik il-persuna tonqos milli tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs meta meħtieġa tagħmel hekk skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 15C ta' din l-Ordinanza sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li n-nuqqas jew ir-rifjut li tagħmel dak meħtieġ kien reat.

L-għoti ta' kampjuni għall-analiżi.

15E. (1) Sabiex jiġi deċiż jekk persuna għamlitx xi reat taħt l-artikoli 15A u 15B uffiċjal tal-pulizija jista' jeħtieġ li dik il-persuna —

(a) tagħti żewġ kampjuni tan-nifs għall-analiżi permezz ta' strument approvat b'ordni tal-Ministru li jiġi pubblikat fil-Gazzetta; jew

(b) tagħti kampjun tad-demm jew żewġ kampjuni ta' l-urina għall-analiżi fil-laboratorju:

Iżda l-uffiċjal tal-pulizija jista' b'żieda mal-kampjuni tan-nifs jeħtieġ ukoll kampjun tad-demm jew żewġ kampjuni ta' l-urina.

(2) Iż-żewġ kampjuni ta' urina imsemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom jingħataw b'intervall bejniethom ta' siegħa u l-kampjun ta' l-aħħar għandu jintuża għall-analiżi.

(3) Il-kampjuni jistgħu jinħtieġu li jingħataw biss kif ġej:

(a) kampjuni tan-nifs jistgħu jinħtieġu li jingħataw fi jew ħdejn il-post fejn issir it-talba għalihom, jew f'għassa tal-pulizija, jew f'ċentru tas-saħħa jew fi sptar;

(b) kampjuni ta' l-urina jistgħu jinħtieġu li jingħataw f'għassa tal-pulizija, jew f'ċentru tas-saħħa jew fi sptar;

(ċ) kampjuni tad-demm jistgħu jinħtieġu li jingħataw f'ċentru tas-saħħa jew fi sptar.

(4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun kif maħsub taħt dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat:

Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha.

(5) L-analiżi ta' xi kampjun li jingħata skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli preċedenti ta' dan l-artikolu għandu jsir f'laboratorju li jiġi approvat b'ordni tal-Ministru li jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u l-opinjoni ta' l-analista f'dak il-laboratorju kif ukoll ir-riżultati ta' dak l-analiżi jkunu ammissibbli bħala prova fi proċedimenti għal reat taħt l-artikolu 15A jew 15B ta' din l-Ordinanza. Ir-riżultati ta' l-analiżi jitqiesu li huma korretti sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju.

(6) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra xi dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 15A u 15B ta' din l-Ordinanza, il-qorti tista', barra milli tikkundanna lil min jagħmel ir-reat għall-piena li għandha tiġi applikata skond il-liġi, tordnalha li tħallas id-drittijiet, jew parti minnhom, li jkollhom jitħallsu lill-persuna jew lill-persuni li jkunu għamlu l-analiżi skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Għażla ta' kampjuni tan-nifs.

15F. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, minn kull żewġ kampjuni tan-nifs mogħtija minn persuna skond l-artikolu 15E ta' din l-Ordinanza għandu jintuża dak bil-proporzjon l-aktar baxx ta' alkohol fin-nifs u l-ieħor għandu jiġi skartat.

(2) Jekk il-kampjun bil-proporzjon l-aktar baxx ta' alkohol ikollu mhux iżjed minn 50 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs, il-persuna li tkun tatu tista' titlob li dan jiġi sostitwit b'xi kampjun bħal dawk li jistgħu jkunu meħtieġa bl-artikolu 15E ta' din l-Ordinanza u, jekk mbagħad jagħti kampjun bħal dak, ebda kampjun tan-nifs ma għandu jintuża.

(3) Il-Ministru jista' b'regolamenti jibdel xi proporzjon ieħor ta' alkohol fin-nifs minflok dak speċifikat fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

Żamm ta' persuni milquta mill-alkohol jew xi droga.

15G. Persuna meħtieġa li tagħti kampjun tan-nifs, taddemm jew ta' l-urina tista' tiġi miżmuma mill-pulizija sakemm il-pulizija jkun jidhrilha li dik il-persuna tkun f'kundizzjoni li ssuq.

Reati u pieni.

15H. (1) Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 15E teħel —

(a) fil-każ ta' l-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn mitejn lira jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;

(b) fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-Qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan fil-każ ta' l-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha, għal żmien ta' mhux anqas minn sena:

Iżda fil-każ ta' kundanna minħabba li persuna ma kienetx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew għal reat taħt l-artikolu 15B ta' din l-Ordinanza, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom jgħoddu biss fejn il-proporzjon ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun jaqbeż il-limitu preskritt bi tmien mikrogramma jew iżjed fin-nifs jew b'għoxrin milligramma jew iżjed fid-demm jew bi tlieta u għoxrin milligramma jew iżjed fl-urina.

Tifsir ta' l-artikoli 15A sa 15I.

15I. (1) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli 15A sa 15H, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"test tan-nifs" tfisser test preliminari bil-għan li jittieħed, bil-mezz ta' strument ta' xorta approvata mill-Ministru, indikazzjoni ta' jekk il-proporzjon ta' alkohol fin-nifs, jew fid-demm jew fl-urina ta' persuna hi x'aktarx iżjed mill-limitu preskritt;

"droga" tinkludi kull intossikant ieħor barra alkohol;

"il-limitu preskritt" tfisser skond kif il-każ ikun jeħtieġ:

(a) 35 mikrogramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' nifs; jew

(b) 80 milligramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' demm; jew

(ċ) 107 milligramma ta' alkohol f'100 millilitru ta' urina,

jew dawk il-proporzjonijiet l-oħra kif jistgħu jiġu preskritti b'regolamenti magħmula mill-Ministru.

(2) Persuna titqies li tkun tat kampjun ta' demm biss jekk tagħti l-kunsens tagħha li dak il-kampjun jittieħed minn tabib u li dan ħekk jittieħed f'dik il-kwantità u ta' dik il-kwalità li tkun tista' tiġi analizzata kif imiss għall-għanijiet ta' l-artikolu 15E.

(3) Persuna titqies li tat kampjun ta' l-urina jew tan-nifs biss jekk dak il-kampjun jingħata b'dak il-mod u f'dik il-kwantità u ta' dik il-kwalità li tkun tista' tiġi analizzata kif imiss għall-għanijiet ta' l-artikolu 15E.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 180 tat-3 ta' Frar, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati